QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Joseph G. Galea Debono B.A.,LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 21 ta Marzu, 2002.

APPELL NRU. 219/2001 JGD

I L-PULIZIJA.

(Spettur Pio Pisani.)

vs.

JOSEPH CAMILLERI.

II-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, fil-21 ta' Frar, 2000, li biha hu gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f' ta' Labrin, Burmarrad, nhar l-1 ta' Marzu, 1998, ghall-habta tal- 1100 hrs., minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta James Schembri f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem (wicc) jew fis-sahha ta' James Schembri, u dana kif iccertifikaw it-tobba Raymond Grixti M.D. u Daniela Laurenti M.D. (Art. 214, 216 (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat li l-imputat wiegeb li ma kienx hati ;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha baghat lill-appellant biex jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali ghax deherlu li setghet tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 214, 215, 216, 218, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali

Rat il-verbal registrat mid-difiza tal-appellant fis-seduta tal-21 ta Gunju, 2000, li biha l-appellant iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat it-trattazzjoni finali tad-difiza quddiem l-ewwel Qorti li tinsab traskritta a fols. 74A sa I tal-process;

Rat is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Novembru, 2001 li biha dik il-Qorti wara li rat l-art. 214, 215, 216, u 17 tal-Kap.9, sabet lill-appellant hati tar-reati hemm ikkontemplati u fil-waqt li illiberatu mill-akkuza dedotta fl-Art. 218 tal-imsemmi Kap. u dwar il-piena, wara li rat il-Fedina Penali tal-appellant, Joseph Camilleri, li mhux wahda refrattarja, ikkonsidrat ukoll li dan l-incident huwa dedott minn kwistjoni ta' wirt, anzi nuqqas ta' ftehim fuq l-istess, bejn membri tal-familja u hija sfortunatament pjaga li minnha jsofri hafna l-poplu Malti li twassal ghal nuqqas ta' djalogu u rikorriment ta' vjolenza fizika, pero' in vista anke tal-fatt li tali tilwim, u biha ma trid li tidher li qed tissancixxi l-istess il-Qorti thoss li il-piena karcerarja ma tghin xejn biex issolvi din is-sitwazzjoni u tista' biss taghti aktar nar, wara li rat l-artikolu 29A tal-Kap.9, ikkundannat lill-appellant ghal sena prigunerija sospiza ghall-sentejn.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta' Dicembru, 2001 , fejn talab illi din l-Qorti tirriforma is-sentenza appellata, billi tikkonfermha fejn sabitu mhux hati skond l-akkuza taht l-art. 218 tal-Kodici Kriminali u tirrevokha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena, u fi kwalunkwe kaz, u prettament in subordine, f'kaz ta' konferma, tirriformha dwar il-piena billi minnflok jinghata provvediment li aktar jaghmel ghall-kaz.

Rat id-Digriet Taghha moghti fis-seduta tal-21 ta Frar, 2002 li biha ordnat li il-vittma tar-reat allegat James Schembri, jingab quddiemha fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2002.

Rat "de visu" wicc il-ferut James Schembri fis-seduta tal-28 ta' Frar, 2002 u ghamlet il-kostatazzjonijiet Taghha dwar in-natura tal-ferita allegatament sofferta f'wicc l-istess James Schembri,

Semghet it-trattazzjoni tad-Difiza u tal-Prosekuzzjoni fiz-zewg seduti fuq imsemmija,

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravji principali kontenuti fir-rikors tal-appellant huma s-segwenti -
1. li l-akbar difiza tieghu u cioe' dik tal-legittima difeza l-ewwel Qorti mhux biss ma laqathiex izda lanqas biss dahlet fiha ;
2. li kien hu li kien aggredit ingustament fi hwejjgu u fi hwejjeg Bertu Camilleri, u dana minn James Schembri ;
3. illi se mai seta' kien hemm eccess ta' legittima difiza Ii mhux punibbli;
4. li l-ewwel Qorti waqfet biss fuq il-griehi li gew kagjonati lil James Schembri imma kellha taht liema cirkostanzi sar dan ;
5. Dwar il-piena, l-appellant ghandu kondotta nadifa u l-piena kienet gravuza fi kwalunkwe kaz.

Illi umbaghad fit-trattazzjoni orali tal-abbli difensur, saret emfasi li l-isfregju ma kienx gravi kif setghet ukoll tikkonstatata din l-istess Qorti, u li il-punt krucjali f'dan il-kaz kien il-bzonn attwali tal-appellant li jiddefendi lilu innifsu u lill-martu w ibnu minuri minn aggressjoni ingusta ta' James Schembri. Saret ukoll riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta "Il-Pulizija vs. Mark VeIla Muscat" (23.3.2000 PV) u ghall-sentenza ohra : "Pol. vs. Joseph Attard" (18.11.1948 per Harding J.) fejn il-legittima difeza testendi ukoll ghad-difiza ta' persuni ohra. Issemma ukoll li fil-waqt li l-appellant seta' kieku ried ghamel uzu minn xi ghodda tar-raba bhal xi zappun, biex jiddefendi ruhu, ghamel uzu biss minn semplici kannestru.

L-abbli difensur umbaghad issottometta li l-appellant kien ghand zijuh bil-kwiet u wiehed irid ipoggi ruhu fil-pozizzjoni tal-persuna aggredita u ghalhekk jidhol l-element soggettiv. L-appellant irid jipprova id-difiza tal-legittima difieza sal-grad tal-probabilita' biss. Hemm ukoll il-versjoni ta' bin l-appellant li ghandha tinghata importanza . Id-difiza osservat ukoll li l-istess Qorti, , wara li rat wicc il-ferut, hasset il-htiega li tistaqsieh fejn kien intlaqat.

L-abbli Prosekutur sostna li biex tirnexxi id-difiza ta' "self defence", il-perikolu irid ikun gravi, attwali u inevitabbli, elementi li ma kienux jirrizultaw fil-kaz in ezami.

lkkunsidrat,

Illi dwar l-ewwel aggravju li l-ewwel Qorti ma ttrattax id-difiza tas-"self defence" jirrizulta mit-traskrizzjoni tad-difiza li saret quddiem l-ewwel Qorti li din issemmiet u giet sollevata

mid-difiza diversi drabi waqt l-arringa finali tal-abbli difensur (Ara. fols. 74C ,74D ,74E u 74 I tal-process). Illi pero' sfortunatament fis-sentenza appellata, minkejja li sar resume' dettaljat tal-fatti kif irrizultaw miz-zewg versjonijiet, ma sarx l-icken accenn ghall-meriti jew demeriti, jew dwar il-fondatezza o meno ta' din id-difiza u sa hawn dan l-aggravju hu certament fondat. Wiehed kien jistenna li l-ewwel Qorti tidhol fil-mertu tad-difiza ta' "self defence" u tippronunzja ruha dwarha . Dan ma sarx u ghalhekk din il-Qorti ser ikollha necessarjament tidhol f'din il-linja difensjonali hi u tiddecidiha hi.
ikkunsidrat,

Illi wara li fliet bir-reqqa l-atti processwali u senjatament ix-xhieda u l-kontro-ezamijiet li saru quddiem l-ewwel Oorti, u min dan jirrizulta li James Schembni u ommu Teresa Schembri kienu, fil-jum tal-incident telqu milI-Mosta biex marru Burmarrad halli ikellmu lill-appellant li jigi kugin tal-ferut dwar xi kwistjoni dwar raba' u partikolarment xi dritt li jiehdu l-ilma u xi dritt ta' passagg. Meta waslu Schembri mar ikellem lill-appellant li kien fil-garage. Dan meta rahom dahal fil-garage ghax qal li ried ikellem lill-missieru u minnflok rega hareg u tefa' kannestru tal-plastic li kellu xi haga go fih li laqtet lil Schembri f'wiccu, ezatt fuq in-"nose bridge", dana dejjem skond il-versjoni ta Schembri.

Illi invece il-versjoni tal-appellant, korrobborata minn martu Jacqueline Camilleri u ibnu Luke Camilleri hija kemmxejn differenti. L-ewwel bdew jitkellmu fuq xi ilma, umbaghad l-appellant wara li qal lil Schembti li hu ma kellux x'jaqsam dwar il-kwistjoni tal-ilma, dahal gewwa biex icempel lil missieru u sadattant Schembti beda joffendih minn barra il-garage. Schembri ipponta biex jidhol wara l-appellant fil-garage. Umbaghad hargu it-tnejn u Schembri beda jipponta subghajh f'ghajnejn l-appellant u sadattant kien ukoll imbotta lill-minuri Luke Gauci minn fuq jr-rota li kien riekeb fuqha u il-handle tar-rota dahallu f'daru u weggghhu. lntefghet kaxxa mill-appellant li sabbatha mall-art u kien hemm injama go fiha li waqghet u Schembri qabadha u kien sejjer ghall-appellant biha . Umbaghad l-appellant imbotta lill-Schembri u tah daqqiet ta' ponn. Weggghet ukoll Jacqueline Camilleri li marret tferraqhom u l-glieda intemmet meta wasal fuq il-post missier Schembri u ferraqhom. Kien hemm ukoll xi theddid da parti ta' Schembri .dwar il-garage. L-appelant isostni li id-demm li hareg minn wicc Schembni harigulu hu bid-daqqiet ta' ponn li tah.

Illi anki jekk wiehed iqis li il-versjoni tal-appellant hija dik vera u jatih il-beneficcju tad-dubju, ma jidhirx li jezistu l-estremi tal-legittima difeza. La kien hemm xi perikolu gravi, imminenti jew inevitabbli. Kien hemm semplici argument li jidher li gie provokat minn James Schembri li mar barra minn triqtu ifittex lill-appellant u wera certa aggressivita' fil-konfront ta' l-appellant u l-membri tal-familja tieghu, aggressivita' li pero' giet "squarely redressed" bir-reazzjoni tal-appellant li, "ex admissis" ,ta xeba' daqqiet ta' ponn lil Schembri. Ma jidhirx li l-appellant kellu ghalfejn isabbat il-kaxxa mal-art biex b'hekk minnha ittir l-injama li Schembri jghid li gie milqut biha u mill-banda l-ohra il-fatt li Schembri ipponta subghajh lejn ghajnejn l-appellant ma inneccessitax li l-appellant jimbottah u jibda' jaghtih bil-ponn kif ammetta li ghamel. Il-waqa' tat-tifel minn fuq il-bycycle setghet kienet mhux intenzjonata u grat ghax Schembri ghadda magemb it-tifel u laqtu, ghax mat-tifel Schembri ma kellux xi jghid. Is-swat li sofriet Jacqueline Camilleri sofrietu waqt li qed tferraq u mhux ghax Schembri aggrediha. Ghalhekk din il-Qorti ma hix moralment konvinta anki fuq bazi ta' probabilita' li il-feriti li garrab Schembri sofrihom fil-kontest ta' legittima difesa jew "eccesso di legittima difesa" da parti tal-appellant.

lkkunsidrat,

Li dwar it-tieni sar-raba aggravju, il-Qorti tifhem u tapprezza pero' li l-incident kollu gie kreat u provokat minn Schembri li jidher li mar ifittex l-inkwiet u fl-"opening shots" tieghu

biex jiddibatti il-kwistjoni tal-ilma u tal-passagg, wera certa' aggressivita' u ostilita' li ovvjament irrabjat lill-appellant li kien bi kwietu gol-garage fejn kellu kull dritt li jkun mall-familja tieghu ospiti ta' zijuh. Il-paci giet disturbata bil-prezenza ta' Schembri u l-appellant kien provokat biex jagixxi kif agixxa, imma sa hemm tista' tasal analisi ekwanima tal-kaz. Fl-iskontru sussegwenti, l-appellant certament ipprevalixxa u kien Schembri li spicca ferut. Jekk l-appellant kellu xi feriti dawn lanqas biss hass il-htiega li jurihom lit-tabib meta ha lill-martu u lill-ibnu ghand it-tabib (fol.51 kontroezami tal-appellant)

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tilqax l-aggravju bazat fuq il-legittima difeza jew eccesso di legittima difeza, pero' issib li l-appellant agixxa taht l-infuwenza ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt ma setax iqis l-eghmil tieghu, kif kontemplat fl-art. 227 (c) tal-Kap.9 u b'dan il-mod tiddisponi mill-ewwel erba aggravji tal-appellant.

Illi dwar iI-piena l-Qorti thoss li fid-dawl tal-entita' tal-ferita riportata mill-vittma James Schembri li illum lanqas ghadha vizibbli jekk ma jindikalekx fejn hija hu stess u, anki meta jurik fejn hi, din timmemitizza ruha mar-rugi naturali f'wicc il-vittma b'mod li ma tikkaguna ebda sfregju permanenti kif kellha okkazzjoni tikkonstata "de visu" din l-istess Qorti, u konsidrat li l-incident gie provokat mill-istess Schembri kif fuq intqal, jidher li hemm lok ghall-varjazzjoni tal-piena applikata mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell u tirriforma is-sentenza appelata billi, fil-waqt li tikkonfermha in kwantu sabet lill-appellant mhux hati tal-offiza gravi dedotta taht l-artikoli 218, u fejn sabitu hati taht l-artikolu 214 u 215 tal-Kap 9, tirrevokha in kwantu sabitu hati ta' mankament jew sfregju fil-wicc ta' l-offiz taht l-art. 216 (b) tal-Kap 9, ghax dan l-isfregju ma jirrizultax, u minnflok issibu hati biss ta' offiza ta' natura hafifa, skuzabbli taht l-art. 227 (C), u wara li rat l-artikoli 214, 215, 227 (c), 230 u 232 (c), tal-Kap 9, kif ukoll l-artikolu 9 tal-Kap. 152, tirrevokha in kwantu ikkundannat lill-appellant ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn u minnflok, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz x-xorta tar-reat u l-kondotta tal-appellant, tilliberah taht kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-periodu ta' sentejn mill-lum u ghall-fini tal-art. 9. (3) tal-Kap. 152 il-Qorti qed tfisser lill-appellant bi kliem car illi jekk jaghmel reat iehor matul il-periodu tal-liberazzjoni taht kondizzjoni ikun jista' jigi kundannat ghal dan ir-reat.

J. Galea Debono

21.3.02.